MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2013

Numru. 669/2013

**PULIZIJA**

**VS**

**STEFAN CUTAJAR**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imsemmi, Stefan Cutajar, bin Joseph u Mary nee' Cassar, mwieled Pieta nhar is-16 ta' April 1984 u jirrisjedi fi Plot 4, Maisonette 1, Triq tal-Ajzar, Safi u detentur tal-Karta ta' Identita 203894M

**Talli nhar it-30 ta' April 2007,**

f’xi hin bejn is-07:25 hrs u s-13:00 hrs gewwa Balzan kkometejt serq ta’ Hi-fi minn gewwa vettura tal-ghamla Hyundai bin-numru ta’ registarazzjoni BBR-302 kkwalifikat, bil-mezz, kif ukoll bix-xorti tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta’ Francesco Mifsud u/jew persuni ohra, u bi ksur tal-Art 263 u 271(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

U talli fl-istess cirkostanzi volontarjament hassart, ghamilt hsara u gharraqt hwejjeg haddiehor u cioe l-Vettura tal-ghamla Hyundai bin-Numru tar-Registrazzjoni BBR-302 ghad-detriment ta’ Francesco Mifsud u/jew persuni ohra bi ksur tal-Art 325 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

**Il-Qorti:**

Nirregistra ammissjoni dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet, u l-partijiet jirrimettu ruhhom dwar it-tielet imputazzjoni. In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazjonijiet lilu addebitati mill-prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati hekk kif akkuzat.

Wara li semghet il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li rat l-Artikoli 221 (1), 339 u 338 (3d) u l-art 383 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara illi semghet il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti ezebiti.

Tikkundana lill-imputat ghal terminu ta’prigunerija ta’ sena, izda tordna li din is-sentenza ma tibdiex isehh jekk fi zmien sentejn mil-lum dan l-imputat ma jigix misjub hati ta’ reat li mieghu igib piena ta’ prigunerija u dana a tenur tal-art 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fir-rigward tar-recidiva din il-Qorti tiddeciedi billi dina ma tistax tirrizulta stante illi ghadda l-perjodu ta' hames snin mill-kummissjoni tar-reat sal-lum u ghalhekk din ma tghoddx.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------